MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 721/2014

**Nutar Dr Carmelo Lia ID. 206532M u martu Margaret Lia ID. 182138M**

**Vs**

**Avukat Dr Johann Debono ID. 466881M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Ottubru, 2014 fejn l-attur talab kera ta' tlitt skadenzi fl-1 ta' April, 2014, 1 ta' Lulju, 2014 u 1 ta' Ottubru, 2014, b'ammont ta' seba' mija u hamsin ewro (€750) kull wahda total ta' elfejn mitejn u hamsin ewro (€2,250) fuq fond No 321 Triq San Pawl Valletta, mikri lill-atturi lill-konvenut.

Kont tal-ARMs Ltd fuq l-istess fond dovut mill konvenut fl-ammont ta' elf erba' mija sebgha u disghin ewro u seba' centezmi (€1,497.07).

Bl-ispejjez u bl-imghax.

Il-konvenut debitament notifikat baqa ma deherx u lanqasipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Deher l-attur li ddikjara bil-gurament tieghu li hu ghadu ma thallasx.

Il-konvenut ma deherx u naqas ghal diversi drabi li jressaq il-provi tieghu.

It-Tribunal iddikjara l-provi tal-konvenut maghluqa.

L-attur irriduca l-ammont ghal tliet elef erba' mija erbgha u disghin ewro (€3,494).

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut tihallas l-ammont ta' tliet elef erba' mija erbgha u disghin ewro (€3,494) bl-imghax mid-data tal-prezentat sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------